MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-15 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 329/2013

L-Avukat Joseph A. **SCHEMBRI** u l-Avukat Lennart Depasquale bħala mandatarji speċjali tal-assenti Andreas Gordon O'Shea; u b'degriet tal-11 ta' Ġunju, 2013, l-attur Andreas Gordon O'Shea assuma l-atti tal-kawża

vs

**IL-MINISTRU TAL-INTERN U S-SIGURTA' NAZZJONALI** u s-Segretarju Parlamentari għall-Ġustizzja fil-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-8 ta' April, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi *nomine* talbu li din l-Qorti (i) ssib li kull restrizzjoni li saret fuq iċ-ċertifikat lilu maħruġ biex ikun jista' jaħdem bħala avukat f'Malta, u b'mod partikolari l-kundizzjoni "*u dan mingħajr il-fakulta' tal-prattika quddiem xi Qorti, Tribunal jew Awtorita' Ġudizzjarja*" kif magħmula u redatta b'mod assolut tikkostitwixxi att bi ksur tal-Liġijiet applikabbli u tal-jeddijiet tiegħu; u (ii) tordna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, biex fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti jogħġobha tiffissalhom, joħorġulu Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Prattika tal-Professjoni Legali taħt it-Titolu ta' Pajjiż ta' Oriġini bla ebda restrizzjoni u skond il-liġijiet u d-Direttivi fis-seħħ u li jgħoddu għall-każ. Talab ukoll l-ispejjeż u żamm sħiħ kull jedd tiegħu għal azzjonijiet oħrajn spettanti lilu;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' April, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fit-2 ta' Mejju, 2013, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li (i) l-azzjoni hija waħda vaga li ma tfissirx x'inhu l-jedd li jsejjisha; (ii) li l-imħarrek Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni, għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12

tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) safejn l-azzjoni hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-imsemmi Kodiċi, ma tistax tirnexxi għall-finijiet tal-artikolu 469A(4) ladarba lill-attur huwa mogħti mil-liġi rimedju quddiem tribunal ieħor, f'dan il-każ, appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki kif irid l-Avviż Legali 273 tal-2002[1]; li (iv) għalhekk l-azzjoni attriċi tressqet qabel waqtha għaliex s'issa l-attur ma ressaq l-ebda appell bħal dak; u li (v) r-rikors promotur ma jiswiex għaliex huwa taħlita ta' talbiet taħt il-liġi ordinarja flimkien ma' talbiet taħt il-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-Unjoni Ewropeja. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Lulju, 2013[2], li bih ordnat li qabel kull ħaġa oħra ssir it-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari dwar in-nuqqas ta' applikabilta' tal-azzjoni attriċi ta' stħarriġ ġudizzjarju minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor mogħti taħt liġi oħra, u tat żmien lill-partijiet biex iressqu sottomissjonijiet fir-rigward;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fil-25 ta' Settembru, 2013[3], dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-12 ta' Diċembru, 2013[4], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[1] L.S. 12.17
[2] Paġ. 19 tal-proċess
[3] Paġġ. 20 – 5 tal-proċess
[4] Paġġ. 36 sa 43 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Jannar, 2014, li bih ħalliet il-kawża għal lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur huwa *barrister* u talab lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta jawtorizzaw li huwa jaħdem bħala avukat f'Malta. Minkejja li ngħata ċertifikat għaldaqshekk, kien hemm kundizzjoni li huwa ma jistax jaħdem quddiem "xi Qorti, Tribunal jew Awtorita' Ġudizzjarja". Huwa jgħid li dik il-kundizzjoni saret bi ksur tal-liġi domestika, tal-liġi komunitarja u bi ksur tal-jedd tiegħu li ma jġarrabx diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-oriġini tiegħu barranija. Irid li dik il-kundizzjoni titneħħielu u li jinħariġlu ċertifikat sħiħ u bla ebda limitazzjonijiet;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi b'mod preliminari, qalu li (i) l-azzjoni hija waħda vaga li ma tfissirx x'inhu l-jedd li jsejjisha; (ii) li l-imħarrek Ministru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni, għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) safejn l-azzjoni hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-imsemmi Kodiċi, ma tistax tirnexxi għall-finijiet tal-artikolu 469A(4) ladarba lill-attur huwa mogħti mil-

liġi rimedju quddiem tribunal ieħor, f'dan il-każ, appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki kif irid l-Avviż Legali 273 tal-2002; li (iv) għalhekk l-azzjoni attriċi tressqet qabel waqtha għaliex s'issa l-attur ma ressaq l-ebda appell bħal dak; u li (v) r-rikors promotur ma jiswiex għaliex huwa taħlita ta' talbiet taħt il-liġi ordinarja flimkien ma' talbiet taħt il-Kostituzzjoni u l-liġijiet tal-Unjoni Ewropeja. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar tlieta mill-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari, u jiġifieri dwar jekk din il-Qorti għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża ladarba l-liġi tagħti lill-attur rimedju ieħor biex jindirizza l-ilment tiegħu, dwar jekk l-azzjoni għalhekk tressqitx b'mod intempestiv (dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet sejrin jitqiesu flimkien) u dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi safejn titlob rimedji kemm ta' liġi "ordinarja" u kemm ta' ordni "kostituzzjonali";

Illi mill-<u>fatti li joħorġu sa issa mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur huwa *barrister* kwalifikat, ammess bħala membru tal-*Bar of England and Wales* u membru ta' *Lincoln's Inn*;

Illi f'xi żmien wara l-2004, huwa talab lill-awtoritajiet f'Malta biex ikun jista' jeżerċita f'Malta l-professjoni legali taħt it-titolu tal-pajjiż tal-oriġini ("*barrister*"). It-talba tiegħu ntlaqgħet f'Ottubru tal-2012. B'ittra li ġġib id-data tat-8 ta' Ottubru, 2012[5], jissemma li l-attur kien wettaq il-ħtiġijiet għar-reġistrazzjoni tiegħu f'Malta bħala avukat għall-finijiet tad-direttivi komunitarji fis-seħħ u tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċeduri Ċivili. Dak inhar ukoll, inħariġlu Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Prattika tal-Professjoni Legali taħt it-Titolu ta' Pajjiż ta' Oriġini taħt il-firma tal-

[5] Dok "AO2", f'paġ. 6 tal-proċess

President tar-Repubblika fil-vesti tiegħu ta' Awtorita' Nominata għall-finijiet tal-Kapitolu 451 tal-Liġijiet ta' Malta[6]. Madankollu, fl-imsemmi Ċertifikat żdiedet il-kwalifika li l-attur seta' jaħdem ta' avukat f'Malta "u dan mingħajr il-fakulta' tal-prattika quddiem xi Qorti, Tribunal jew Awtorita' Ġudizzjarja". L-attur ma aċċettax li ma jitħalliex jipprattika quddiem xi tribunali jew quddiem il-Qrati u jqis li l-imsemmija kwalifika saret bi ksur tal-liġi u tal-jeddijiet tiegħu;

Illi l-kawża nfetħet f'April, tal-2013;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-eċċezzjonijiet preliminari taħt eżami, l-Qorti sejra tqis l-ewwel iż-żewġ eċċezzjonijiet li jolqtu s-setgħa tagħha li tisma' l-każ. Sejra tqishom flimkien għaliex jintrabtu ma' xulxin u għaliex, jekk kemm-il darba ssib li huma eċċezzjonijiet tajba, ma jkunx hemm għalfejn tistħarreġ l-eċċezzjoni preliminari l-oħra;

Illi jibda biex jingħad li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju per eċċellenza. Hija azzjoni li tattakka deċiżjoni amministrattiva li taqa' fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" kif imfisser u mifhum fl-artikolu 469A(2) tal-Kap 12. Huwa minnu li fl-ebda biċċa mir-rikors promotur ma jissemma l-artikolu 469A, iżda dan huwa mifhum min-natura tal-ilment, min-natura tal-egħmil li dwaru saret il-kawża, u kif ukoll min-natura tar-rimedju mitlub mill-attur. Wara kollox, azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tibqa' dik li hi minkejja li l-att ġudizzjarju li jiftaħ kawża bħal dik ma jsemmix l-artikolu nnifsu speċifikatament;

[6] Dok "AO1", f'paġ. 5 tal-rpoċess

Illi l-attur jgħid li l-azzjoni tiegħu ma saritx taħt l-artikolu 469A tal-Kap 12 u dan għaliex jgħid li mhux kull azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju hija waħda mressqa taħt l-imsemmi artikolu 469A u li dak li qiegħed jitlob f'din il-kawża huwa li jingħata jeddijiet tiegħu kif imħarsin bl-artikolu 4(1) tal-Kapitolu 460 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżid jgħid li huwa qiegħed jattakka l-validita' nnifisha tal-kriterji li bihom il-Bord dwar l-Evalwazzjoni tal-Kredenzjali Akkademiċi iddeċieda l-każ tiegħu, u li jixli lill-imħarrkin li mxew b'mala fidi b'mod li jfixklu l-għoti tad-dritt u jaħbu r-rimedju li l-attur kien jista' jieħu;

Illi l-attur jilminta wkoll mill-fatt li, filwaqt li fl-ittra dipartimentali (fl-ilsien Ingliż) li biha t-talba tiegħu biex jaħdem bħala avukat f'Malta ma saret l-ebda restrizzjoni jew kundizzjoni dwar f'liema oqsma seta' jwettaq il-ħidma professjonali tiegħu, fiċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni (fl-ilsien Malti) ddaħħlet restrizzjoni li żżommu milli jista' jidher u jittratta każijiet quddiem qrati, tribunali u awtoritajiet ġudizzjarji. Malli sar jaf b'dan, kellu kull interess li jappella minn restrizzjoni bħal dik. Huwa jqis id-differenza fil-kliem użat bejn iż-żewġ dokumenti bħala x-xhieda tal-qerq li huwa jixli lill-awtoritajiet bih. Huwa jgħid li kien biss lejn il-bidu tal-2013, meta ġie Malta, li ntebah bil-kundizzjoni limitativa li kienet saret fiċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni, ukoll għaliex huwa mhuwiex midħla tal-ilsien Malti;

Illi l-Qorti, għar-raġunijiet li semmiet aktar qabel, ma taqbilx mal-attur dwar in-natura tal-azzjoni mibdija minnu. Hija l-fehma sħiħa tagħha li hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A u tnejn mit-tliet raġunijiet li jġib 'il quddiem l-attur biex jgħid li l-azzjoni ma taqax taħt dik is-sura ta' azzjoni huma raġunijiet kostitutivi sewwasew ta' azzjoni taħt dak l-artikolu. Għalhekk, il-Qorti tara l-ħtieġa li tistħarreġ l-eċċezzjoni preliminari kif imqanqla mill-imħarrkin;

Illi l-Qorti tibda biex tqis li ladarba l-artikolu 469A(4) huwa eċċezzjoni għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali. Kif diġa' ngħad mill-Qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għamil amministrativ għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju fejjiedi u xieraq disponibbli għaliha u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[7];

Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għamil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għamil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[8]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, mbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad ukoll li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi m'għandux ikun hemm dubju li fejn rimedju alternativ taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-Qorti tistħarreġ l-egħmil amministrativ li minnu tilminta li ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju[9]. Diġa' ngħad li t-tħaddim tal-artikolu 469A(4) bħala eċċezzjoni għar-regola għandu jsir meta tassew li kien hemm disponibbli rimedju effettiv u li l-parti tkun naqset bla raġuni tajba milli tinqeda bih;

Illi għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tqis jekk hux minnu jew le li l-attur kellu rimedju tajjeb u effettiv taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi l-oħra li jsemmu l-imħarrkin u jekk naqasx bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi l-imħarrkin jirreferu għar-rimedju li jingħata taħt ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjoni Legali, u b'mod partikolari dwar il-ħtieġa li deċiżjoni ta' awtorita' nominata li ma tilqax

[7] App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)
[8] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita' tad-Djar et***
[9] P.A. GV **29.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Ltd. et***

talba għall-għoti ta’ awtorizżazzjoni lil xi professjonist trid tagħti deċiżjoni motivata li minnha jista’ jitressaq appell[10]. Skond l-istess Regolamenti, r-rimedju tal-appell irid isegwi s-sura u ż-żminijiet maħsuba fl-artikolu 7(7) tal-Att XVIII tal-2002 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta’ Kwalifiki[11]. F’dak il-każ, l-appell irid jitressaq fi żmien għaxart (10) ijiem minn mindu tkun ittieħdet id-deċiżjoni min-naħa tal-awtorita’ nominata dwar it-talba tal-persuna li titlob l-għarfien. Mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar punti ta’ dritt, jingħata appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri);

Illi meta wieħed, madankollu, jifli sewwa l-kliem tar-Regolamenti, wieħed isib li (a) il-jedd li wieħed jattakka d-deċiżjoni ta’ awtorita’ nominata hija limitata għall-każ biss fejn it-talba tal-għarfien biex wieħed jaħdem f’Malta tkun miċħuda – kemm hu hekk, ir-regolament 6(6) jitkellem dwar “rifjut” – u mhux ukoll meta l-aċċettazzjoni tal-għarfien tkun suġġetta għal xi kwalifika. Minbarra dan, skond ir-regolament 11(1) id-deċiżjoni tal-awtorita’ nominata li minnha wieħed jista’ jappella tkun deċiżjoni “li dak li jiġi kkunsidrat ikun limitat għal verifika tal-kwalifiki li jkollu l-applikant”. Issa fil-każ tal-attur il-kwalifiki ma kinux problema, tant li l-ittra tas-Segretarju Permannenti nnifisha tgħid li lkwalifiki tiegħu kienu aċċettati (anzi, kienu r-raġuni li għaliha t-talba tiegħu ntlaqgħet). Mela lanqas hawn ma jidher li jingħata appell fejn, minkejja l-approvazzjoni tal-kwalifiki ta’ dak li jkun, titqiegħed xi kwalifika jew limitazzjoni fiċ-Ċertifikat li jagħti l-permess lill-applikant li jwettaq il-ħidma professjonali tiegħu;

Illi mbagħad hemm iċ-ċirkostanza li f’dan il-każ ma ntweriex kif u meta twasslet lill-attur l-aħbar li t-talba tiegħu kienet milqugħa. Għalkemm kemm iċ-Ċertifikat ta’ Reġistrazzjoni u kif ukoll l-ittra mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru jġibu l-istess data, ma ntweriex kif u meta dawn twasslu għand l-attur jew kif sar jaf bihom. Huwa jgħid li l-ewwel aħbar li kellu dwar it-talba tiegħu kienet b’telefonata. F’dan ir-rigward, il-Qorti ssib li, fid-dawl taż-żmien x’aktarx qasir li l-liġi tagħti lil min irid jappella minn deċiżjoni tal-awtorita’ nominata (ukoll kieku dan ir-rimedju kien jgħodd għall-każ tal-attur), il-liġi hija għal kollox dgħajfa biex tistabilixxi l-proċess ta’ kif applikant ikun mgħarraf b’deċiżjoni bħal dik. Wieħed ma jridx jinsa wkoll li l-applikant, ladarba jista’ jkun barrani, ma jkunx tabilfors baqa’ f’malta għaż-żmien li matulu t-talba tiegħu tkun qiegħda tkun mistħarrġa mill-awtoritajiet lokali;

[10] Reg. 6(6), 6(7) u 11(2) tal-A.L. 273 tal-2003
[11] Kap 451 u l-A.L. 196 tal-2010 (L.S. 451.01)

Illi għall-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, l-Qorti tqis li l-attur ma kellux tabilħaqq rimedju ieħor mogħti lilu mil-liġi biex jindirizza l-ilment tiegħu dwar il-ħruġ taċ-Ċertifikat biex jipprattika bħala avukat f'Malta bla ma jkollu jirrikorri għal din l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tiegħu tal-lum;

Illi l-istess jista' jingħad allura dwar ir-raba' eċċezzjoni preliminari. L-azzjoni attriċi tressqet f'waqtha u ma setgħetx iddum aktar biex titressaq għaliex, li kieku ġara dan, l-attur kien isib ma' wiċċu eċċezzjoni li l-azzjoni tiegħu waqgħet bid-dekorrenza taż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li l-eċċezzjonijiet preliminari mistħarrġa ma humiex tajbin, u mhijiex sejra tilqagħhom;

Illi l-Qorti sejra tistħarreġ issa **t-tmien eċċezzjoni** tal-imħarrkin. Fis-sewwa jrid jingħad li din l-eċċezzjoni tintrabat sewwa mal-**ħames eċċezzjoni preliminari** li titkellem dwar it-taħlit ta' azzjonijiet jew talbiet fl-azzjoni attriċi. It-taħlit allegat huwa bejn ir-rimedji ordinarji u dawk kostituzzjonali. Minħabba d-degriet li ngħata waqt l-ewwel smigħ effettiv, din il-Qorti sejra tqis it-tmien eċċezzjoni u tirreferi biss għall-ħames eċċezzjoni preliminari safejn din tintlaqat mit-tmien eċċezzjoni, biex b'hekk il-partijiet ma jkunux sorpriżi b'deċiżjoni li dwarha ma jkunux ittrattaw;

Illi l-imħarrkin isejsu din l-eċċezzjoni tagħhom billi jgħidu li l-attur, f'nifs wieħed, qiegħed isawwar l-azzjoni tiegħu f'waħda kemm "ordinarja" u kif ukoll waħda ta' lment minn ksur ta' jedd fundamentali. Huma jsaħħu l-

argument tagħhom billi jirreferu għal deċiżjoni tal-ogħla Qorti f'Malta li saħqet li azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma setgħetx tkun waħda dwar stħarriġ ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali liema azzjoni taqa' fil-kompetenza tal-Qorti "kostituzzjonali"[12];

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur iwarrab dan l-argument u jgħid li huwa semma r-raġunijiet u l-liġijiet li jqis li nkisru meta ntgħamlet il-kwalifika fiċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni maħruġ lilu. Iżid jgħid li l-fatt li semma l-Kostituzzjoni jew id-Dritt Komunitarju, ma bidilx b'daqshekk l-azzjoni tiegħu f'waħda ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali jew liberta' fundamentali;

Illi l-Qorti, wara li ħasbet fuq dan u wara li fliet sewwa r-Rikors Maħluf, issib li lanqas din l-eċċezzjoni ma hija tajba. Huwa minnu li fil-ħames premessa (paragrafu) tar-Rikors Maħluf, l-attur isemmi erba' (4) ċirkostanzi ta' liġijiet (domestiċi u komunitarji). Iżda l-Qorti tifhem li dawn intużaw biex ifissru taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi kien iqis seħħ ksur meta nħareġ kif inħareġ iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni. Iżjed minn hekk, l-użu tal-kelma "inkluż" fl-istess premessa turi biċ-ċar li dik il-lista ma kenitx waħda esklussiva. Fit-tieni lok, din il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt waħdu li tissemma l-Kostituzzjoni ma jfissirx li, b'daqshekk, l-azzjoni tkun tabilfors waħda taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. L-artikolu 469A(1)(a) innifsu jagħti rimedju ta' stħarriġ ġudizzjarju meta l-egħmil ikun b'xi mod ieħor (jiġifieri mhux ksur ta' jedd fundamentali) jikser il-Kostituzzjoni. Fit-tielet lok, fejn f'azzjoni quddiem xi qorti "ordinarja" titqajjem il-kwestjoni ta' trattament diskriminatorju, ma jkux ifisser li qorti bħal dik ma tistax tqis ukoll it-tagħlim u t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni fir-rigward. Kien għalhekk li ngħad li "*materja ta' diskriminazzjoni ma hijiex riżervata biss għall-investigazzjoni u rettifika mill-organi ġudizzjarji kostituzzjonali. Jekk l-organi l-oħra, proprju bħal ma hi din il-Qorti, jistgħu jipprovdu skond il-liġi ordinarja rimedju xieraq u adegwat għal leżjoni, attwali jew mhedda, ta' jedd fundamentali, kien dan l-istess*

[12] Kost **18.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Hall vs Direttur tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali et***

*rimedju li kellu, u għandu, fl-ewwel lok jiġi mfittex. ... Fl-ambitu tar-relazzjonijiet regolati mil-liġijiet ordinarji għandhom jirċievu, imbagħad, protezzjoni sħiħa mhux biss id-drittijiet jew obbligi tal-ftehim, iżda wkoll il-ħarsien pjen tal-jeddijiet fundamentali li l-liġi ordinarja kellha wkoll tassigura. Ħarsien u protezzjoni kontra l-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali. Fil-verita` ma hemm xejn x' josta li xi ħadd jaġixxi kontra min hu minnu meqjus fi ħtija għall-vjolazzjoni ta' xi jedd fundamentali tiegħu. Kif jinsab osservat, "dan għaliex għandu jkun paċifiku li kull individwu kien tenut u marbut li josserva d-dettami tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni – din ta' l-aħħar illum parti mill-ordinament ġuridiku nostran – kif kellu jkun paċifiku li l-Qrati kollha, u mhux biss il-Prim'Awla fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, u din il-Qorti, kellha tinterpreta u tapplika il-liġijiet fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni*"[13]. Il-Qorti tqis li din is-silta twieġeb b'mod xieraq u ċar għall-eċċezzjoni taħt eżami għaliex tqiegħed fil-qafas xieraq tagħha l-azzjoni attriċi u tfisser sewwa n-natura tagħha. Għalhekk ma nistax jingħad li bl-azzjoni tiegħu l-attur qiegħed jestendi l-każ għal wieħed ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali;

Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' lanqas din l-eċċezzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari** tal-imħarrkin u ssib li, għall-finijiet tal-artikolu 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti għandha s-setgħa biex tkompli tisma' u taqta' l-kawża miġjuba quddiemha billi l-attur ma kellux rimedju ieħor taħt liġi oħra dwar l-ilment tiegħu jew li l-istess attur seta' jinqeda bih; u

**Tiċħad it-tmien eċċezzjoni** tal-istess imħarrkin billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tordna** lill-imħarrkin biex iħallsu **l-ispejjeż marbuta ma' dawn l-eċċezzjonijiet**; u

[13] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd***

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi u t-trattazzjoni tal-każ fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------